

Brussell, 28 ta' Novembru 2023
(OR. en)

15848/23
PV CONS 57
AGRI 726
PECHE 532

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
20 ta' Novembru 2023

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15121/23.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

- a) **Lista leġislattiva** (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 15362/23

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. **Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2024** [S] 15238/23
+ ADD 1-5
Approvazzjoni
Wara l-Kunsill (ECOFIN/Baġit) tal-11.11.2023

Il-Kunsill approva t-test konġunt dwar il-baġit għall-2024 kif jinsab fl-Anness u l-addenda 1 sa 5 tad-dokument indikat hawn fuq, bl-Iżvezja tivvota kontra (Bażi legali: l-Artikolu 314(5) TFUE).

Id-dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

- b) **Lista mhux leġislattiva** 15361/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Attivitajiet mhux leġislattivi

SAJD

3. **Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2024** [C] 14967/23
13860/23 + ADD 1
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet
4. **Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd fl-Atlantiku u fil-Baħar tat-Tramuntana** [C] 14968/23
14720/23
+ ADD 1-2
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni
Skambju ta' fehmiet

5. **Konklużjonijiet dwar viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE (LTVRA)**  15252/23
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva t-test tal-konklużjonijiet dwar il-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE, kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq. Ħa nota wkoll tal-kummenti tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri dwar l-iżvilupp taż-żoni rurali fil-futur.

Affarijiet oħra

Agrikoltura

6. a) **Proposti leġislattivi attwali**  
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)
- i) **Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom - sitwazzjoni attwali** 15301/23
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza Spanjola kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq dwar is-sitwazzjoni attwali tal-eżami tal-proposta dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) u l-ikel u l-għalf tagħhom, kif ukoll tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Kroata dwar dik il-proposta kif tinsab fid-dokument 15472/23. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tad-delegazzjonijiet u tal-Kummissjoni.

- ii) **Regolament dwar pjanti miksuba minn ċerti tekniki ġenomiċi ġodda u l-ikel u l-għalf tagħhom** 15472/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Kroata

Il-punt 6 (a) (ii) ġie indirizzat flimkien mal-punt 6 (a) (i).

- b) **L-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Foresti għall-2030**  14476/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq dwar is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-għdida tal-UE għall-Foresti għall-2030.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Awstrijaka dwar il-laqgħa informali tal-ministri għall-foresti tal-"Grupp għall-Foresti", kif tinsab fid-dokument 15474/23, kif ukoll tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar l-Oqfsa strateġiċi għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar id-deforestazzjoni, kif tinsab fid-dokument 15468/23. Il-Kunsill ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

- c) **Laqgħa informali tal-Ministri għall-Foresti tal-"Grupp għall-Foresti" (Vjenna u Stuhleck, l-Awstrija, 25-26 ta' Settembru 2023)**  15474/23 + ADD 1
Informazzjoni mid-delegazzjoni Awstrijaka, fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Finlandiża, Slovena u dik Żvediża

Il-punt 6 (c) ġie indirizzat flimkien mal-punt 6 (b).

- d) **L-importanza ta' oqfsa strateġiċi għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab (Implimentazzjoni tar-Regolament dwar id-Deforestazzjoni)**  15468/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Ġermaniża

Il-punt 6 (d) ġie indirizzat flimkien mal-punt 6 (b).

- e) **Rwol ġdid tal-bdiewa għal żoni rurali vitali u sostenibbli**  15465/23
Informazzjoni mid-delegazzjoni Taljana, appoġġata mid-delegazzjoni Awstrijaka, Finlandiża, Franċiża, Griega, Latvjana, Pollakka u dik Rumena

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Taljana kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq dwar rwol ġdid tal-bdiewa għal żoni rurali vitali u sostenibbli. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

f) Applikazzjoni parzjali tal-Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba (KAAT) nru 8 għall-kampanja tal-2024

 15188/1/23 REV 1

Informazzjoni mid-delegazzjoni Franċiża, appoġġata mid-delegazzjoni Bulgara, Ċiprijotta, Estonjana, Griega, Kroata, Portugiża, Slovakkja, Slovena, Taljana u Ungeriża

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mid-delegazzjoni Franċiża kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq dwar l-applikazzjoni parzjali tal-Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba nru 8 għall-kampanja tal-2024. Ħa nota wkoll tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni u tad-delegazzjonijiet.

-
-  L-ewwel qari
 -  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
 -  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
 -  Proċedura leġislattiva speċjali
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 15362/23**Dwar il-punt "A"
nru 1:****Test konġunt dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2024**
*Approvazzjoni***DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL**
dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u b'mod attiv matul is-sena 2024 l-implimentazzjoni tal-programmi tal-QFP attwali u preċedenti (b'mod partikolari fis-subintestatura 2a u l-Iżvilupp Rurali). Għal dan il-għan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta, b'mod f'waqtu, ċifri aġġornati li jikkonċernaw is-sitwazzjoni attwali u l-istimi rigward l-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-2024 (b'kont meħud tal-preċiżjoni mtejbja tal-previżjonijiet tal-Istati Membri fejn applikabbli). Jekk iċ-ċifri juru li l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għall-2024 mhumiex biżżejjed biex ikopru l-ħtiġijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta mill-aktar fis possibbli soluzzjoni xierqa, fost l-oħrajn abbozz ta' baġit emendatorju, bil-ħsieb li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa malajr kemm jista' jkun mingħajr dewmien żejjed għal ħtiġijiet ġustifikati. Fejn applikabbli, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser iqisu l-urġenza tal-kwistjoni, billi jnaqqsu l-perjodu ta' tmien ġimgħat għal deċiżjoni jekk jitqies meħtieġ. L-istess japplika mutatis mutandis jekk iċ-ċifri juru li l-appropriazzjonijiet li ddaħħlu fil-baġit għall-2024 jkunu oġhla minn kemm ikun meħtieġ."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI**dwar l-integrazzjoni tal-eżitu tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP fil-baġit għall-2024**

"Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jieħdu nota tad-diskussjonijiet li għaddejjin dwar ir-reviżjoni proposta tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027. Il-Kunsill ġie mistieden mill-Kunsill Ewropew biex imexxi 'l quddiem il-ħidma, bil-ħsieb li jintlaħaq qbil ġenerali dwar il-QFP rivedut propost sa tmiem is-sena, biex b'hekk tkun tista' ssir adożzjoni rapida b'kont debitu meħud tar-rwol tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fit-Trattati. Għalhekk, l-impatt ta' tali ftehim għas-sena finanzjarja 2024 jista' jiġi introdott biss permezz ta' abbozz ta' baġit emendatorju.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għalhekk jistiednu lill-Kummissjoni tipproponi abbozz ta' baġit emendatorju immedjatament hekk kif jintlaħaq qbil dwar ir-reviżjoni tar-Regolament QFP bil-ħsieb li l-baġit tal-2024 jiġi allinjat mar-Regolament QFP rivedut.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jikkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li jqisu l-urġenza tal-kwistjoni."

DIKJARAZZJONI UNILATERALI TAL-KUMMISSJONI

dwar is-sussidju tar-rata tal-imgħax tal-AMF+ għas-sena finanzjarja 2024

"Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tipproponi l-miżuri baġitarji xierqa sabiex jiġu lliberati r-riżorsi allokatu għas-sussidju tar-rata tal-imgħax tal-AMF+ (l-Artikolu baġitarju 14 07 01) għas-sena finanzjarja 2024, jekk tinstab soluzzjoni alternattiva ta' finanzjament fi żmien debitu."

DIKJARAZZJONI UNILATERALI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-sussidju tar-rata tal-imgħax tal-AMF+

"Il-Parlament Ewropew jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew ifakkar li, skont ir-Regolament 2022/2463, is-sussidju tar-rata tal-imgħax fir-rigward tal-AMF+ għall-Ukrajna għandu jiġi ffinanzjat minn kontribuzzjoni volontarja mill-Istati Membri u li l-bagħit tal-UE jista' jikkontribwixxi soġġett għar-riżorsi disponibbli. F'dak il-kuntest, il-Parlament Ewropew jenfasizza li l-entrata proviżorja tal-appropriazzjoni fil-linja baġitarja 14 07 01 hija eċċezzjoni ta' darba u ma tikkostitwixxix preċedent għal proċeduri baġitarji futuri."
